Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 151/2014

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Mark William Grima

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mark William Grima, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 464861M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' 02:30hrs bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzjqa ta' 'substitute' tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Fuego/Piacere Mio' fi Triq Santu Wistin, San Giljan:

1. Daqq jew ippermetta li tindaqq muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li huwa licnezjat biex idoqq muzika amplifikata b'tali mod li l-muzika baqghet tinstema minn barra wara l-1.00am.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi thassar il-licenzja jew tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imsemmi stabbiliment ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-27 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat il-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 (Avviz Legali 1/2006 kif emendat) ir-Regolament 38(2)(c), l-Artikoli 18 u 20 tal-Kap 441 u l-Artikolu 53 tal-L.S. 441.07, sabet l-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-twiddiba u canfira (R&A).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentena appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, filwaqt illi tirrevoka il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfrotn tal-appellant u tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi relevanti kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Mark William Grima esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi sussegwentament, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-procedrui fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena fil-konfrojnt tal-appellat. Dana qieghed jinghad stante li l-piena inflitta fuq l-appellat mhux talli tmur taht il-minimu preskritt mill-ligi izda sahansitra mhijex preskritta mill-ligi u dana hekk kif ser jigi spjegat izjed il-quddiem.

Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gialadarba l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tar-reat hekk kif adebitat lilu ma kellhiex triq ohra hlief li tikkundannah skond il-lig. Tali ligi u cioe il-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' malta li jirregola l-licenzji tal-Kummerc jistipula li meta persuna tikser xi dispozizzjoni jew xi regolamenti maghmulin taht l-istess Kapitolu meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, tehel, kemm il-darba ma tkuxn preskritta xi piena ohra taht dan l-Att, ammenda ta' mhux inqas min mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma mhux izjed minn elef u mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1164.69).

Illi ghaldaqstant jekk wiehed jara l-pieni applikabbli ghac-cirkostanzi de quo, anke fl-inqas ipotezi possibli, il-piena ta' tiwiddiba u canfira biss erogata mill-ewwel Onorabli Qorti, apparti li mhux preskritta mill-ligi ghar-reat addebitat lill-appellat, hija ferm taht il-minimu preskritt fil-istess ligi u ghaldaqstant indubjament din il-piena ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti kemm il-piena fil-parametri tal-ligi kif ukoll sabiex tkun aktar adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Jikkontendi l-appellant li l-piena ghall-ksur tar-regolamenti li dwarhom gie misjub hati l-appellat u cioe' dawk komminati fir-regolament 53 fl-Avviz Legali 1 tal-2006 hija dik provvduta fl-Artkolu 18(1)(a) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` ta' <u>ammenda</u> bejn €116.47 u €1164.69 ghall-ewwel ksur. Illi di piu' fid-decizjoni appellata ma jirrizultawx xi cirkostanzi "specjali u straordinarji" li immilitaw lill-Ewwel Qorti tinzel taht il-minimu tal-piena skont il-ligi. Lanqas ma jidher illi fil-parti decizorja tas-sentenza impunjata gie indikat l-applikazzjoni ta'l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Illi "il-ligi – u jekk din ma kienitx bizzejjed, anke l-gurisprudenza ta' din il-Qorti – huma cari: irid ikun hemm ragunijiet (fil-plural) specjali <u>**u**</u> straordinarji, u dawn iridu **jissemmew bir-reqqa kollha** fis-sentenza ("to be

expressly stated in detail in the decision…", fit-test ingliz tal-ligi). Minn dan kollu l-ewwel Qorti ma ghamlet xejn.[1]"

Din il-Qorti, pero`, ma tara xejn "specjali u straordinarju" li b'xi mod u remotament jista' jinduciha li tapplika l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u tinzel taht il-minimu u lanqas ma jidher illi l-appellat qieghed jikkontendi illi jezistu tali cirkostanzi. *"Catering establishments jipprovdu servizz importanti, specjalment fil-kamp turistiku, pero` mill-banda l-ohra ghandu jigi assigurat li dawn jirrispettaw id-drittijiet ta' haddiehor, fosthom ta' nies fil-vicinanzi jew fl-akkwati li ghandhom id-dritt ukoll ghall-mistrieh taghhom bil-lejl. Huwa ghalhekk li l-kundizzjonijiet tal-licenzji, specjalment dawk il-kundizzjonijiet dwar daqq ta' muzika, hsejjes ecc. ghandhom jigu osservati skrupolosament – u jinkombi wkoll fuq l-awtoritajiet koncernati li, b'enfurzar metodiku u strett, jassiguraw li l-interessi tal-komunita` in generali jigu wkoll imharsa. Ma tistax persuna, ghax tahdem fis-settur tal-catering jew f'dak tat-turizmu, tigi taqa' w tqum minn kulhadd[2]."*

Illi din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb u allura ser tghaddi sabiex teroga piena konformi mal-ligi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat Mark William Grima gie ikkundannat twiddiba u canfira u minflok tikkundannah ammenda ta' mija u hamsin ewro (€150), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija vs Carmel Dimech – Appell Inferjuri – 09/07/2007
[2] Il-Pulizija vs Paul Axiaq – App.Inf. – 02/04/2007